# QORTI KRIMINALI

# IMHALLEF

# Onor. Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Juris (EUR Law).

Akkuza Nru. 1/2001

Ir-Repubblika ta' Malta

vs

Mohamed Lamin Tagiuri

Illum, 13 ta' Gunju, 2001.

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza 1/2001;

Semghet lill-akkuzat fis-seduta tal-lum jiddikjara li qed jammetti l-akkuzi kollha dedotti kontrih skond iz-zewg Kapi li hemm fl-Att ta' Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lill-Mohamed Lamin Tagiuri hati talli:

***1. Importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kelluz licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, u***

***2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima 111 ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V1 ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed, taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.***

Semghet lill-avukat difensur u lill-avukat prosekutur jittrattaw dwar il-piena.

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari s-segwenti, u cioe':

***1. L-ammissjoni bikrija ta' Mohamed Lamin Tagiuri ghall-akkuzi kollha dedotti kontrih ma' l-ewwel opportunita' li kellu li setgha jaghmel hekk, b'dan li b'hekk gew iffrankati hafna spejjes u hin ta' din il-Qorti;***

***2. L-eta' piuttost tenera u zghira tal-hati;***

***3. Il-kondotta nadifa tal-hati u li din kienet l-ewwel u l-unika darba li kkommetta xi reat;***

***4. Il-fatt li fil-perjodu li hu kkommetta dawn ir-reati kien fi stat ta' sahha daqxejn prekarju kif juru id-diversi certifikati medici esebiti f'dawn l-atti, u f'liema zmien hu kien qed ibati minn dipressjoni qawwija hafna, fost affarijiet ohra;***

***5. Il-fatt li pendenti dawn il-proceduri l-hati gja ilu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv ghal perijodu ta' sena u nofs, u ghalhekk, matul dan iz-zmien kollu kellu l-opportunita' u l-hin kollu jirrealizza, kif fil-fatt indubjament ghamel, li dak li wettaq kien ferm hazin u ghandu jhallas ghalih.***

***6. Il-fatt li d-droga in kwistjoni misjuba fuq il-hati kienet f'ammont relativament zghir u kienet tikkonsisti f'cannabis, li ghalkemm hija droga bhal kull medicina perikoluza ohra, hija, pero', konsidrata bhala 'soft drug' u mhux bhala 'hard drug' bhal dawk id-drogi l-ohra li huma ferm aktar perikoluzi.***

***7. Kull cirkostanza ohra li hasset rilevanti.***

Tara li tali cirkostanzi jinkwadraw ruhom f'dak li hemm dispost fl-Artikolu 22 (2) (a) (i) (aa) tal- Kap. 101 li jaghti l-fakolta' ossia d-diskrezzjoni lill-Qorti sabiex ma tapplikax il-massimu tal-piena applikabbli ghar-reati li taghhom Mohamed Lamin Tagiuri gie dikjarat u misjub hati.

Rat l-Artikoli 7, 8 (a) (b), 10 (1), 12, 14 (1) (5), 20, 22 (1) (a) (1B) (2) (a) (i) (ii) 22 (2) (b) (i) (3A) (d) u 26 tal-Kap. 101, r-Regolament 8 ta' l-Avviz Legali 292/1939, u l-Artikoli 17 (b), 23, 20 u 533 tal-Kap. 9.

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-hati Mohamed Lamin Tagiuri ghall-piena karcerarja ta' seba (7) snin, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ilu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, kif ukoll ghall-Multa ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) li ghandha tigi konvertita f'perijodu ulterjuri ta' prigunerija ai termini tal-proviso fl-Artikolu 11 (3) tal-Kap. 9 kemm il-darba hu ma jhallasx din il-Multa skond il-ligi.

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati, kif ukoll tordna l-konfiska ta' dak kollu li gie elevat minn fuq il-hati w li jinsab esebit fl-atti.

Tordna li d-droga in kwistjoni tigi distrutta a karigu ta' l-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat appozitament u li ghanu jesegwixxi dan l-inkarigu immedjatament u jirredigi Process Verbal relattiv u jesebih f'dawn l-atti, dan kemm il-darba l-Avukat Generali, fi zmien erba granet mil-lum ma jipprezentax nota fir-Registru ta' din il-Qorti li biha jinformaha li ghandu bzonn din id-droga in konnessjoni ma' xi proceduri ohra u ghalhekk jitlob li din ma tigiex distrutta ghalissa.

Fl-ahhar nett tikkundanna lill-hati li jhallas l-ispejjes peritali kollha inkorsi f'dan il-proceduri ammontanti ghall-Lm145 fi zmien xahar.

(ft) Joseph Sammut
Dep/Registratur